# QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 8 ta’ Frar, 2002.**

**Appell Nru 112/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Spiteri Franco**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kontra Franco Spiteri, talli fil-5 ta’ Jannar, 2000, ghall-habta tas-6.20pm, fil-hanut Eddie’s Store, Marsa, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta’ l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Mejju, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Franco Spiteri hati skond l-imputazzjoni u kkundannatu multa ta’ mitejn lira (Lm200);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Franco Spiteri, minnu ppresentat fl-4 ta’ Gunju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta’ Dicembru, 2001; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu wiehed fattwali, fis-sens li l-appellant jikkontendi li a bazi tal-provi hu ma kellux jinstab hati kif effettivament instab. L-appellant jikkontendi li kif il-klient ha c-cikkulata minn fuq l-ixkaffa, l-istess klient halla l-flus fuq il-bank u telaq ‘l barra; u li kif hu (l-appellant) kien sejjer bil-flus lejn il-*cash register* fiskali biex idahhal il-flus u jirregistra l-bejgh, dahlu l-ispetturi tal-VAT.

Skond l-appellant l-ammissjoni tieghu li ma kienx hareg ricevuta fiskali kienet biss fis-sens li ma kienx ghadu hareg tali ricevuta proprju ghax ma lehaqx wasal hdejn il-*cash register* qabel ma dahlu l-ispetturi.

Ghalkemm din il-Qorti, bhala regola, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti, f'dan il-kaz jidher li l-verzjoni tal-appellant hija wahda plawsibbli. In fatti, ghalkemm ix-xhud tal-prosekuzzjoni Alfred Bartolo jghid li hu ra lill-appellant jitfa' l-flus fil-*cash register* minghajr ma johrog ricevuta (ix-xhud l-ohra, Denise Said, kienet pjuttost vaga fuq diversi dettalji), dana l-fatt importanti li l-appellant lehaq tefa' l-flus fil-*cash register* qabel ma dahlu l-ispetturi ma jirrisultax mir-rapport bil-miktub ta' l-istess spetturi. In fatti dana r-rapport, fil-parti relattiva ghal dana l-punt, jghid semplicement: *"A man bought a bar of chocolate for 15c but was not given F.R. Inspectors watched sale from outside shop…".* Imkien ma hemm fir-rapport li Spiteri kien diga` tefa' l-flus fil-*cash register* meta dahlu l-ispetturi.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha takkolji l-appell, u li ma hemmx ghalfejn tikkunsidra t-tieni aggravju.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Aldo Testone
Dep. Registratur